DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/768

tat-8 ta' Mejju 2019

li temenda l-Artikolu 3 tal-Istatuti tal-Konsorzju għall-Infrastruttura Ewropea tar-Riċerka dwar il-Bijoloġija Strutturali Integrata (Instruct-ERIC), minħabba t-tluq tar-Renju Unit mill-Unjoni

(notifikata bid-dokument C(2019) 3354)

(It-testi biċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, il-Franċiż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Portugiż, is-Slovakk u l-Ispanjol biss huma awtentiċi)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar il-qafas ġuridiku Komunitarju għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea tar-Riċerka (ERIC) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8,

Billi:

(1) Il-Konsorzju għall-Infrastruttura Ewropea tar-Riċerka dwar il-Bijoloġija Strutturali Integrata (Instruct-ERIC) twaqqaf permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1213 ([2]). Skont l-Artikolu 3 tal-Istatuti tiegħu, għandu s-sede statutorja tiegħu fir-Renju Unit.

(2) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Fil-11 ta' April 2019, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jestendi l-perjodu previst fl-Artiklu 50(3) TFUE, li diġà kien estiż permezz tad-Deċiżjoni ta-Kunsill Ewropew (UE) 2019/476 ([3]), sal-31 ta' Ottubru 2019. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew għandha madankollu tieqaf milli tapplika fil-31 ta' Mejju 2019 fil-każ li r-Renju Unit ma jkunx organizza elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew f'konformità mal-liġi tal-Unjoni applikabbli u ma jkunx irratifika l-Ftehim dwar il-Ħruġ sat-22 ta' Mejju 2019. Jekk ir-Renju Unit jirratifika l-Ftehim dwar il-Ħruġ qabel l-31 ta' Ottubru 2019, l-irtirar se jseħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara t-tlestija tal-proċeduri ta' ratifika.

(3) Wara d-data tal-ħruġ, u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' ftehim ta' ħruġ, ir-Renju Unit jitqies bħala pajjiż terz fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament (KE) Nru 723/2009.

(4) L-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 723/2009 jistipula li s-sede statutorja ta' ERIC għandha tkun fit-territorju ta' membru li għandu jkun Stat Membru jew pajjiż assoċjat.

(5) Il-Kummissjoni rċeviet, skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 723/2009, il-proposta mill-Instruct-ERIC biex jiġi emendat l-Artikolu 3 tal-Istatuti, biex tindirizza l-każ fejn ir-Renju Unit isir pajjiż terz skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 723/2009.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 723/2009,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 3 tal-Istatuti tal-Instruct-ERIC kif stabbilit fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1213 huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 206, 8.8.2009, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1213 tal-4 ta' Lulju 2017 dwar l-istabbiliment tal-Konsorzju Ewropew għal Infrastruttura ta' Riċerka — Bijoloġija Strutturali Integrata (Instruct-ERIC) (ĠU L 173, 6.7.2017, p. 47).
([3]) Id-Deċiżjoni ta-Kunsill Ewropew (UE) 2019/476 meħuda bi qbil mar-Renju Unit, tat-22 ta' Marzu 2019 li testendi l-perijodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 80I, 22.3.2019, p. 1).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Franċiża, l-Istat ta' Iżrael, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika Slovakka, ir-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit tal-Gran Brittannja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Mejju 2019.

Għall-Kummissjoni
Carlos MOEDAS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Artikolu 3 tal-Istatuti ta' Instruct-ERIC jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 3

Instruct-ERIC għandu jkollu s-sede statutorja tiegħu f'Oxford, fir-Renju Unit. Jekk ir-Renju Unit isir pajjiż terz skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 723/2009, is-sede statutorja għandha tkun f'Firenze, l-Italja."